# LAPIDA MINSIJA

Naħsbu li ftit huma dawk li jafu sewwa b'dik il-lapida tal-bronż li qiegħda fil-Knisja ta' San Ġwann, sewwa sew fil-kappella li tieħu għad-dħul ta' l-Oratorju tal-Kurċifiss. Mhux ta' min ma jagħtix kas tagħha, għalhekk sa ngħidu kelmtejn fuqha, biex nuru li dik il-lapida tfakkar fi bniedem kbir u wisq imsemmi ta' l-Ordni ta' San Ġwann u tal-Gżira tagħna.

Dan il-bniedem imsemmi li minnu sejrin nitkellmu hu l-Kavalier Flaminju Balbjanu, tal-Lingwa ta' l-Italja. Kien wieħed minn l-aktar qalbenin li kellu l-Ordni fiż-żmenijiet tiegħu (seklu XVII). Kien fil-ħatra ta' Armirall, u ta' Lwogotenent fl-Ordni. Żamm b'tifħir ix-xogħol ta' Gvernatur Militari f'Nizza u f'Asti: ikkumbatta u kien midrub, fil-Belġju, fi Spanja u fit-Tuskana. Għall-ħidma tiegħu, li għamel għar-Repubblika ta' Venezia, dina kienet bagħtitlu ħannieqa tad-deheb ta' siwi kbir. Kien wisq imfaħħar fl-aħħarnett u l-aktarnett, bħala armirall tax-xwieni ta' l-Ordni, fi Kreta (Kandja), fejn għen kontra t-Torok, li dawru l-gżira, ħeġġeġ u kabbar il-ħila tan-nies li hemm kienu jgħammru, mexxa l-gwerra, u flaħħarnett rebaħ u ħarrab minn hemm l-egħdewwa ta' l-isem nisrani.

Dan il-bniedem imsemmi sebbaħ ukoll u għamel bosta ġid f'Malta waqqaf bosta bini, fosthom il-Barrakka ta' Fuq, żejjen knejjes u ferraq elemożni kbar. Kien Gran Prjur ta' Messina, u miet ta' ħamsa u disgħin sena, fl'1669, wara li dam fl-Ordni għal sitta-u-sebgħin sena sħaħ. Kien midfun fil-qabar li kien imħejji f'ħajtu, fil-kappella tal-Madonna ta' Filermu, qrib l-artal, in-naħa tal-Vanġelu.

Issa rridu ngħidu li l-lapida li semmejna, kienet imwaħħla mal-ħajt qrib il-qabar, fejn għedna issa, fejn kien imqiegħed il-fdal tiegħu. Għal raġunijiet li bqajna bla ma nafuhom, dik il-lapida ġiet imqiegħda f'lok fejn ma setgħet qatt tkun tidher: għaliex il-ħitan tal-kappella tas-Santissimu Sagrament huma dejjem, kif kienu fl-antik, mgħottijin bid-damask aħmar, la dan kien jgħatti l-lapida. Ma satax ikun xort'oħra, la darba hija ħaġa kontra r-regoli tal-liturġija, li hekk qrib l-artal tas-Sagrament tkun tidher lapida tal-mejtin. Kienet imqegħda hemm għall-modestja ta' listess Balbjanu, sabiex ismu jibqa' moħbi? Kienet għal xi għira li kellhom bejniethom il-Kava-

lieri ta' l-Ordni, billi fil-knisja ta' San Ġwann ma hemm ebda tifkira mwaħħla mal-ħitan, barra l-monumenti tal-Grammastri, u (eċċeżjoni waħdanija) dak ta' ħu l-Grammastru Wignacourt? Ma nafux. Nafu biss, li dawk kollha li għandhom għal qalbhom kull ħaġa li tgħolli u tfaħħar il-kbir Ordni ta' San Ġwann, u lil dawk il-Kavalieri li fosthom kienu l-aktar imsemmija, għelew, li din il-lapida kienet hekk minsija minn kulħadd, u baqgħet is-sena kollha hekk moħbija, li wisq ftit kienu dawk li jafu biha.

Bħalma għedna fil-bidu, din il-lapida tinsab issa fil-kappella li minnha tidħol, għal Oratorju tal-Kurċifiss. Tqegħdet hemm għax iktarx din il-kappella ma hi imsemmija għall-ebda Lingwa, jew inkella għax hija mżejna inqas minn l-oħrajn li l-ħitan tagħhom huma kollha kif jaf kulħadd, imnaqqxin u miksija bid-deheb. Hekk issa din il-lapida tgħatti biċċa sewwa mill-ħajt tal-kappella, hija mqegħda, kif tagħti r-raġuni, f'lok inqas nobbli minn dak, fejn huma mwaqqfin il-monumenti tal-Grammastri, u tidher wisq malajr quddiem il-għajnejn ta' kulmin jidħol fil-knisja mill-bieb maġġur.

Din il-lapida, kif għidna fuq, hija tal-bronż imdewweb u magħmula minn żewġ taqsimiet, u minn l-ewwel daqqa ta' għajn li tagħtiha, tintebaħ malajr li hija xogħol tas-seklu XVII, kif wieħed jista' jara wkoll mill-kitba li fiha minquxa. Finnofs tagħha tidher l-arma ta' Balbjanu, imdawra b'bandieri u trufej tal-gwerra: fuq hemm miktub il motto—*Nescia Metus*—mqiegħed fuq ras ta' mewt, u sewwa sew taħt il-kitba minquxa hemm f'basso riliev il-għaqda tax-xwieni tal-Ordni, f'nofshom ix-xini tal-armirall, li kien jikkmanda Balbjanu. Taħt il-lapida hemm imqegħda medda tar-rħam, li kienet tweżinha fil-lok qadim li fih kienet qabel, u ma dwarha ġiet imqegħda bħal gwarniċa, wasgħa dwar xiber, li ddur magħha kollha.

Nispiċċaw dal-kelmtejn, billi nistiednu lil kulħadd, sabiex jekk għadu ma rax, imur jara din it-tifkira glorjuża tal-wisq nobbli Ordni ta' San Ġwann, li iggverna l-Gżejjer tagħna għal dwar tlett mitt sena.

SALVU AGIUS.